Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **1 ta' Marzu 2021**

# Ftuħ speċjali ta' siti u ġest ta' apprezzament għal Jum il-Mara minn Heritage Malta f'Marzu

Fi ġranet partikolari f'Marzu, Heritage Malta se tkun qed tiftaħ xi siti storiċi li normalment jinżammu magħluqin, filwaqt li se tfakkar ukoll il-Jum Internazzjonali tal-Mara.

In-nisa kollha li jżuru s-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta nhar il-Ħadd 7 ta' Marzu, lejlet Jum il-Mara, se jingħataw rigal żgħir bħala ġest ta' apprezzament.

Il-Ġimgħa 19 ta' Marzu, nhar festa pubblika li tiċċelebra lil San Ġużepp Ħaddiem, Heritage Malta se tiftaħ is-siti kollha li normalment ikunu miftuħin nhar ta' Ġimgħa iżda magħhom se żżid ukoll il-ftuħ speċjali tal-Abbatija tad-Dejr fir-Rabat. Għall-prezz ta' €2 biss, il-membri tal-pubbliku se jkollhom l-opportunità li jżuru din il-ġawhra storika, li s-soltu tinżamm magħluqa, bejn l-10am u l-4.30pm.

Ftuħ speċjali ieħor se jseħħ l-Erbgħa 31 ta' Marzu, Jum il-Ħelsien, meta l-viżitaturi se jingħataw aċċess għat-Tempji ta' Kordin. Siti oħra li se jinfetħu dakinhar jinkludu l-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Forti Sant'Anġlu, it-Tempji ta' Ħal Tarxien, Għar Dalam u Borġ in-Nadur, Ħaġar Qim u l-Imnajdra, kif ukoll is-siti ta' Għawdex.

Iż-żjarat kollha fis-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta jsiru f'osservanza stretta tar-regolamenti tas-Saħħa Pubblika b'rabta mal-Covid-19.

Din hija l-lista sħiħa tas-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta li se jkunu miftuħin f'Marzu:

L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni se jkun miftuħ mit-Tnejn sal-Ħadd mid-9.00am sal-5.00pm. Biljetti fl-aħħar ħin jistgħu jinxtraw biss mis-sit.

Mill-Ħamis sal-Ħadd, se jkunu miftuħin dawn il-mużewijiet u siti mill-10.00am sal-4.30pm:

Il-Forti Sant'Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra
Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija
MUŻA
L-Armerija tal-Palazz
Il-Forti Sant'Anġlu (miftuħ ukoll l-Erbgħa 31 ta' Marzu)
Il-Katakombi ta' San Pawl
It-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra (miftuħin ukoll l-Erbgħa 31 ta' Marzu)
It-Tempji ta' Skorba u Ta' Ħaġrat
It-Tempji tal-Ġgantija (miftuħin ukoll l-Erbgħa 31 ta' Marzu)
Il-Mitħna Ta' Kola (miftuħa wkoll l-Erbgħa 31 ta' Marzu)

Kull nhar ta' Tlieta, Sibt u Ħadd, se jkunu miftuħin dawn il-mużewijiet u siti mill-10.00am sal-4.30pm:

Il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali
Għar Dalam u Borġ in-Nadur (miftuħin ukoll l-Erbgħa 31 ta' Marzu)
Id-Domvs Romana
Il-Palazz tal-Inkwiżitur (miftuħ ukoll l-Erbgħa 31 ta' Marzu)
It-Tempji ta' Ħal Tarxien (miftuħin ukoll l-Erbgħa 31 ta' Marzu)
Il-Mużewijiet taċ-Ċittadella u ċ-Ċentru tal-Viżitaturi (miftuħin ukoll l-Erbgħa 31 ta' Marzu)

Għalissa, dawn il-mużewijiet u siti se jibqgħu magħluqin minħabba proġetti li għaddejjin fihom:

Il-Katakombi Ta' Bistra
Iċ-Ċentru għall-Interpretazzjoni tal-Fortifikazzjonijiet
Il-Mużew Marittimu
Il-Kmamar Statali tal-Palazz tal-Gran Mastru

Għal aktar tagħrif żur is-sit www.heritagemalta.org